*Artikoli 323, 2140 u 2143 tal-Kodici Civili*

# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

### Seduta ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' Marzu, 2019

**Numru 2**

**Rikors Numru 468/17TA**

**Rita Borg Weaver**

**vs**

**John Pace u Antje Calov**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-Attriċi Rita Borg Weaver ppreżentat fil-25 ta' Mejju 2017 u maħluf minnha stess fil-21 ta' April 2017 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. "Illi l-attriċi hija proprjetarja tal-fond bin-numru tliet mija u erbgħa u ħamsin (354), Triq d'Argens, Il-Gżira, liema fond hija akkwistat mingħand Christopher u Alexandra Vassallo permezz ta' kuntratt bid-data tat-22 ta' Ġunju, 2005, fl-atti tan-Nutar Patrick Critien;

2. Illi dan il-fond hu deskritt fuq il-kuntratt tal-akkwist mill-attriċi bħala 'liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu inkluż bl-arja libera, u bil-pussess vakanti'. Pjanta ta' dan il-fond kienet annessa mal-kuntratt tal-

akkwist tal-attriċi (*il-kuntratt u l-pjanta qegħdin jiġu hawn esebiti u mmarkati Dok. RB1 u Dok. RB2 rispettivament*);

3. Illi l-konvenuti, jew min minnhom, qegħdin jimpedixxu lill-attriċi milli tgawdi d-dritt tagħha tal-proprjeta` ta' parti mill-bejt sovrapport għall-proprjeta` tagħha, tant li l-aċċess għall-imsemmi parti tal-bejt hu magħluq u l-attriċi hi mċaħħda mid-dritt li taċċedi għalih u tagħmel użu liberu minnu, u dan b'detriment għall-istess attriċi;

4. Illi l-konvenuti m'għandhom l-ebda jedd ta' pussess jew sjieda fuq il-parti tal-bejt imsemmija, tant li l-kuntratt tal-akkwist tal-proprjeta` tagħhom jagħmilha ċara li l-proprjeta` tagħhom hi sottostanti proprjeta` ta' terzi, [(*Atti Nutar Nicholas Vella, datat il-21 ta' Ġunju, 2007, li permezz tiegħu Joseph Pace u Antje Calov – il-konvenuti- xtraw mingħand Edith Moore u Joseph Agius, il-fond numru tliet mija u sitta u ħamsin (356), hawn esebit u mmarkat Dok. RB3*], u għalhekk dan l-aġir tagħhom jivvjola d-drittijiet tal-attriċi li m'għandhiex liberu godiment tal-parti ta' quddiem tal-bejt proprjeta` tagħha;

5. Illi meta l-konvenuti Pace u Calov akkwistaw l-imsemmi fond tagħhom, huma akkwistaw kemm il-fond numru tliet mija u sitta u ħamsin (356), Triq d'Argens, Il-Gżira, kif ukoll il-bejt tiegħu, liema bejt u arja iżda, ma jestendux sal-arja li akkwistat Rita Borg Weaver permezz tal-kuntratt tal-akkwist tagħha, u liema bejt u arja huma sovrastanti l-fond numru tliet mija u erbgħa u ħamsin (354), Triq D'Argens, Il-Gżira, iżda li madanakollu l-aċċess għall-bejt proprjeta` tal-attriċi jista' jintlaħaq biss minn fuq il-proprjeta` tal-konvenuti Pace u Calov minħabba fl-eżistenza ta' ħajt li nbena b'mod abbużiv u illegali;

6. Illi kif si spjega rapport peritali anness ma' dan ir-rikors, mhux biss huwa evidenti, mill-kuntratt tal-akkwist, li l-intimati m'għandu jkollhom l-ebda pretensjoni fuq il-parti tal-bejt in kontestazzjoni, iżda huwa bil-wisq evidenti, minn dak li setgħet tikkonstata l-Arkitett Melissa Giordmaina li aċċediet fuq is-sit, li mill-bini li hemm u mill-mod kif inhu mibni l-ħajt bejn il-proprjetajiet, il-ħajt in kontestazzjoni inbena fi stadju wara li nbniet il-proprjeta`, u dan kif jirriżulta mid-dokument immarkat Dok RB5 anness ma' dan ir-rikors.

7. Għaldaqstant, l-attriċi qiegħda umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

   (1) Tiddikjara u tiddeċiedi li l-attriċi hija proprjetarja tal-fond numru tliet mija u erbgħa u ħamsin (354), Triq D'Argens, il-Gżira, flimkien mal-arja jew ossia l-bejt relattiv tiegħu li tinkludi wkoll il-parti ta' quddiem tal-bejt kif deskritta aħjar fir-rapport peritali hawn anness u mmarkat Dok. RB5;

(2) Per konsegwenza ta' tali dikjarazzjoni, tiddikjara li l-konvenuti, jew min minnhom, m'għandhom l-ebda jedd jibqgħu jiddetjenu din il-parti tal-bejt u jċaħħdu lill-attriċi milli hi tgawdi jew tagħmel użu minn dik il-parti tal-bejt;

(3) Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi prefiss lilhom minn din l-Onorabbli Qorti, jqiegħdu lill-attriċi fl-istat ewlieni ta' godiment ta' dritt tal-istess proprjeta` u *ċioe`* li tiġi reintegrata fil-jeddijiet tagħha, taħt id-direzzjoni, oċċorrendo, ta' perit/i nominandi;

(4) Tordna lill-konvenuti jneħħu l-imblokk li jimpedixxi lill-attriċi milli taċċedi għal fuq il-parti tal-bejt proprjeta` tagħha;

(5) Fin-nuqqas li l-konvenuti jagħmlu dan fiż-żmien mogħti lilhom mill-Qorti, tawtorizza lill-attriċi tagħmel hi dawk ix-xogħlijiet neċessarji u ordnati mill-Qorti, taħt id-direzzjoni tal-istess perit/i mqabbad/din mill-Qorti u a spejjeż u riskju tal-konvenuti – kollox kif intqal fuq, u għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti minn issa inġunti għas-subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimati Joseph Pace u Antje Calov ppreżentata fl-1 ta' Diċembru 2017 u maħlufa fl-istess data minnhom li permezz tagħha wieġbu u eċċepew is-segwenti:-

1. "Illi in linea preliminari, it-talbiet attriċi huma preskritti a tenur tal-artikolu 2140 u in ogni każ preskritti a tenur tal-artikolu 2143 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fil-mertu, it-talbiet attriċi kif dedotti fil-konfront tal-esponenti għandhom jiġu respinti fit-totalita` tagħhom stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża u senjatament minħabba s-segwenti raġunijiet:

   i. Il-kuntratt t'akkwist tal-esponenti tal-fond 356, Triq d'Argens, Gżira, jgħid b'mod ċar illi l-imsemmi fond huwa "*overlying and underlying in part third party property*" u għaldaqstant ir-rikorrenti qed tkun żlejali lejn din l-Onorabbli Qorti meta qed tiddikjara illi l-kuntratt t'akkwist tal-esponenti "*jagħmilha ċara li l-proprjeta` tagħhom hi sottostanti proprjeta` ta' terzi".*

   ii. Dak iddikjarat fil-kuntratt t'akkwist tar-rikorrenti ma jistax jinġieb bħala prova ta' titolu tajjeb tar-rikorrenti tal-parti tal-bejt u l-arja mertu ta' din il-kawża. Kif ser jirriżulta fil-mori tal-kawża odjerna,

is-sidien preċedenti tal-fond 354 Triq D'Argens Gżira qatt ma kellhom xi titolu fuq l-imsemmija parti tal-bejt u arja, u għaldaqstant, ir-rikorrenti ġenwinament ħasbet li meta xtrat il-proprjeta in kwistjoni kienet qed takkwista wkoll il-parti tal-bejt u arja in kwistjoni, huwa evidenti illi l-lanjanza tal-istess rikorrenti kellha tiġi indirizzata lis-sidien preċedenti u mhux kontra l-intimati.

iii. Ma nbena l-ebda ħajt mill-intimati. Il-ħajt li jaqsam il-bjut u l-arja rispettiva tal-partijiet inbena snin twal ilu, meta l-proprjetajiet 354 u 356 Triq d'Argens, Gżira kienu dar waħda u nqasmu fi tnejn.

iv. Ir-rikorrenti minn dejjem irrikonoxxiet lill-intimati bħala sidien tal-parti tal-bejt u l-arja mertu ta' din il-kawża, u kien biss fl-aħħar ftit xhur illi qed tgħid mod ieħor, u kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża odjerna, din ma hi xejn għajr kawża frivola u vessatorja.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn imsemmija u hekk kif ser jiġi elaborat matul is-smiegħ tal-proċeduri odjerni, it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda fit-totalita` tagħhom minn dina l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi provvedimenti illi jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont kif tippermetti l-liġi.

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi illi minn issa hija nġunta in subizzjoni."

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat id-dokumenti kollha;

Rat il-verbali fl-udjenza tal-1 ta' Diċembru 2017 u tas-16 ta' April 2018 rispettivament fejn il-partijiet qablu li tingħata Sentenza parzjali dwar l-ewwel eċċezzjoni u li l-provi jiġu invertiti;

Rat li l-kawza thalliet ghall-lum ghas-Sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tal-Konvenuti.

**Punti ta' fatti**

**1.** Il-pretensjoni tal-Attriċi fil-Kawża tirrigwarda dak li hi tippretendi hija t-tgawdija tad-dritt tagħha tal-proprjetá ta' parti mill-bejt, sovrappost għall-proprjetá tagħha bin-numru 354 Triq D'Argens, Il-Gżira. Preżentament l-Attriċi ma tistax teċċedi għal din il-parti tal-bejt billi hija magħluqa b'ħajt. Din il-parti tal-bejt fil-fatt tinstab fil-pussess tal-Konvenuti li huma wkoll is-sidien tal-proprjetá biswit dik tal-attriċi, jiġifieri id-dar bin-numru 356 (oriġinarjament bin-numru 40), Triq D'Argens, Il-Gżira.

**Punti ta' Liġi**

**2.** It-talba tal-Attriċi hija għalhekk waħda għar-rikonoxximent tad-dritt u, bħala konsegwenza r-restituzzjoni, ta' din il-parti tal-bejt hekk sovrapposta għall-proprjetá li qed tgħid li hi tagħha kif fil-fatt qegħdha tagħmel fit-tieni talba tagħha fir-Rikors Ġuramentat.

**3.** F'dan l-istadju jridu jiġu puntwalizzati żewġ affarjiet: L-ewwel waħda hi li l-partijiet qablu li qabel kull konsiderazzjoni ohra għandha tkun deċiża l-ewwel eċċezzjoni tal-Konvenuti. Ghalhekk qablu wkoll li anke l-provi jiġu invertiti. Dan ifisser, li bid-Deċiżjoni tal-lum, ma hu ser ikun investit ebda aspett ieħor tal-kawża fil-mertu u dan fid-dawl tal-verbal tal-1 ta' Diċembru 2017 (a` fol 61). It-tieni waħda hi, li hemm qbil li l-ewwel eċċezzjoni timmira biss u ghalhekk limitata għal dik il-parti tal-bejt mill-ħajt li jifred liż-żewġt ibjut tal-propjetajiet rispettivi tal-partijiet, sal-opramorta tal-bejt li

tgħati għal fuq triq Rue D’Argens, Gżira, sovraposta għall-propjeta` tal-Atturi u ċioe` il-fond 354, Triq D’Argens, Gżira. Dan huwa wkoll konfermat mill-aħħar verbal li sar mill-Konvenut fl-ahhar seduta tal-11 ta’ Marzu, 2019.

**4.** Għalhekk, il-punt ta’ liġi involut skont l-ewwel eċċezzjoni tal-Konvenuti huwa, jekk “it-talbiet attriċi huma preskritti a` tenur tal-artiklu 2140 u in ogni każ preskritti a` tenur tal-artiklu 2143 tal-Kap 16 tal-liġijiet ta’ Malta”.

**5.** Kif insenjat il-Qorti Ċivili Prim’ Awla fis-sentenza **Anthony Mizzi et vs Alfred Cachia noe** mogħtija fil-15 ta’ Marzu 2011, l-azzjoni ta’ rivendika “*titfa’ piż qawwi fuq min jagħmilha għaliex irid iressaq l-aqwa provi dwar il-jedd tiegħu fuq il-beni li jrid jieħu lura f’idejh. Din ir-regola waslet biex ħolqot il-frażi “probatio diabolica” biex turi kemm huwa għoli l-grad meħtieġ ta’ prova li jrid iressaq attur f’kawża ta’ din ix-xorta: u dan għaliex actore non probante reus absolvitur, filwaqt li in pari causa melior estconditio possidentis (App. Ċiv.* ***25.6.1945****, fil-kawża fl-ismijiet* ***Cassar Desain vs Cassar Desain Viani et*** *(Kollezz. Vol:* ***XXXII.i.272****);*

*M’huwiex għalhekk biżżejjed li l-attur jipprova li l-ġid rivendikat m’huwiex tal-imħarrek (App. Ċiv.* ***12.2.1936*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Curmi et noe vs Depiro et*** *(Kollezz. Vol:* ***XXIX.i.475****); u App. Ċiv.* ***6.7.1993*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Simpson noe vs Borg*** *(Kollez. Vol:* ***LXXVII.ii.310****) u f’każ ta’ xi dubju fir-rigward tat-titolu tal-parti rivendikanti, dan imur favur il-parti mħarrka (P.A. PS* ***27.6.2003*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Ernest Borg Grech et vs***

***Francis Zammit et**). Min-naħa l-oħra, l-imħarrek m'għandu għalfejn jipprova xejn, sakemm ma jġibx 'il quddiem huwa nnifsu l-eċċezzjoni li t-titolu tal-ġid rivendikat jinsab vestit fih (App. Ċiv.**21.1.1946**, fil-kawża fl-ismijiet **Agius noe vs Genovese et** (Kollezz. Vol: **XXXII.i.735**) u l-oħra P.A. **17.3.1961**, fil-kawża fl-ismijiet **Ellul et vs Ellul et** (Kollezz. Vol.: **XLV.ii.586**), f'liema każ, imbagħad, il-Qorti trid tqabbel it-titoli rispettivi tal-partijiet. Dan jingħad għaliex jekk fl-azzjoni rivendikatorja l-imħarrek jiddefendi ruħu, mhux fuq il-bażi tal-pussess, imma fuq dik ta' titolu, allura f'dak il-każ il-Qorti jkollha tidħol f'eżami tat-titolu vantat mill-imħarrek u tqis is-siwi tiegħu bl-istess għarbiel li tqis it-titolu tal-attur rivendikant (App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet **Nancy Mangion et vs Albert Bezzina Wettinger**);*

*Illi, b'żieda ma' dan kollu, huwa meħtieġ li l-attur, f'kawża bħal din, iġib provi ta' titolu li jkun oriġinali u mhux derivattiv. B'tal-ewwel, l-awturi u d-duttrina tifhem dak it-titolu li jitnissel favur persuna mingħajr ma jkun mgħoddi lilu minn ħaddieħor, filwaqt li titolu derivattiv huwa dak fejn il-jedd jgħaddi mingħand persuna għal għand oħra (Ara. Andrea Torrente Manuale di Diritto Privato 9a Ediz. (1975), 29 pp 71 et. seq.)*

*Dan ifisser li jista' jkun hemm kisba b'titolu oriġinali wkoll fejn il-ħaġa, qabel, kienet ta' ħaddieħor imma li tkun waslet għand is-sid attwali mingħajr ma tkun ingħaddiet lilu mis-sid ta' qabel: dan iseħħ, per eżempju, fejn wieħed jikseb bil-pussess għal żmien ta' iżjed minn tletin sena bla ma*

*qatt ikun ġie mfixkel f'dak il-pussess, jew fejn wieħed iżomm oġġett mitluq minn ħaddieħor għaż-żmien meħtieġ (Ara, per eżempju, tifsira ċara ta' dan kollu f' Mag (Għ) AE* ***8.6.2010*** *fil-kawża fl-ismijiet* **Avukat Dr. Carmelo Galea noe et vs Kummissarju tal-Artijiet et** *(appellata);*

*Illi, madankollu, u minħabba li f'xi każijiet ikun impossibbli li wieħed juri titolu oriġinali, sa minn dejjem ġie mogħti lir-rivendikant id-dritt li jipprova titolu aħjar minn dak tal-parti mħarrka. Fi kliem ieħor, meta l-kriterji rigorużi tal-azzjoni rivendikatorja ma jistgħux jitwettqu għar-rigward tal-piż tal-prova tat-titolu, l-attur jingħata l-jedd li jipprova titolu aħjar minn tal-parti mħarrka (P.A.* ***14.5.1935*** *fil-kawża fl-ismijiet* **Fenech et vs Debono et** *(Kollez. Vol:* ***XXIX.ii.488****); u App. Ċiv.* ***27.2.2003*** *fil-kawża fl-ismijiet* **Anna Cassar vs Carmela Stafrace et***). Din l-azzjoni hija magħrufa bħala l-aċtio publiċiana (in rem), li hija azzjoni rejali ta' għamla petitorja fejn is-saħħa tat-titolu huwa mkejjel inter partes u mhux, bħal fil-każ tal-azzjoni rivendikatorja vera u proprja, erga omnes. Huwa rimedju li l-Qrati tagħna tawh għarfien, ukoll fil-qafas ta' azzjoni ta' rivendika ta' ġid minn idejn ħaddieħor (Ara, per eżempju, App. Ċiv.* ***12.12.2002*** *fil-kawża fl-ismijiet* **John Vella et vs Sherlock Camilleri** *u P.A. TM* ***9.10.2003*** *fil-kawża fl-ismijiet* **Benmar Company Ltd. vs Charlton Saliba** *għal espożizzjoni ċara tal-aspetti ta' dritt li jsawru din l-għamla ta' kawża). B'mod partikolari, dan it-tqabbil tat-titoli tal-parti attriċi u tal-parti mħarrka jsir meħtieġ meta l-parti mħarrka tiddefendi lilha nnifisha bl-eċċezzjoni ta' titolu li jħabbatha mat-titolu tal-parti attriċi, li, impliċitament, titqies li hija eċċezzjoni li tagħraf it-titolu tal-parti*

*attriċi (Ara, f'dan is-sens App. Ċiv.* ***16.5.1962*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Abela vs Zammit*** *(Kollez. Vol:* ***XLVI.i.619****));"*

**6.** Il-Qorti trid pero' tissenjala, li f'din il-Kawza l-Konvenuti, sa fejn jirrigwarda l-arja inkwistjoni, ghazlu li jiddefendu rwieħhom billi għidu fost oħrajn li għandhom titolu mnissel mill-liġi u mhux mgħoddi lilhom minn ħaddiehor, appuntu fl-ewwel eccezzjoni taghhom jinvokaw l-artikoli 2140 u 2143 tal-Kodici Civili u li konsegwentement, kif ingħad aktar 'l fuq, il-partijiet għażlu t-triq, li din il-Qorti, tiddeċiedi l-ewwel eċċezzjoni tal-Konvenuti qabel kollox, flok tidħol fi tqabbil ta' titoli f'dan l-istadju, tant li anke qablu fuq l-inversjoni tal-provi. B'hekk din il-Qorti ser tipproċedi bil-mod kif iridu l-partijiet.

## Konsiderazzjonijiet

**7.** Il-Konvenuti jilqgħu għall-azzjoni attriċi billi preliminarjament jeċċepixxu l-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2140 u 2143 tal-Kodiċi Ċivili.

**8.** Biex isostnu l-preskrizzjoni invokata minnhom a tenur ta' dawn l-artikoli, l-Konvenuti jinqdew bl-artikolu 530(2) tal-istess Kodiċi u jgħaqqdu l-pussess tagħhom ma dak tal-awturi tagħhom, jiġifieri l-aħwa Edith Moore, Joseph Agius u Lillian Manara (ara Nota ta' sottomissjonijiet a` fol 276 sa 278).

**9.** Jirriżulta mix-xhieda ta' Edith Moore, l-unika sopravissuta mis-sidien tal-fond tal-Konvenuti, li b'effett mill-mewt ta' missierha fl-1945 dan il-post

356 , Triq D'Argens, Gżira, dejjem kien mikri lil terzi (ara xhieda a` fol 187). Anzi din ix-xhud tispeċifika li anke meta wirtu kien diġa` mikri (ara xhieda a` fol 187). Il-Qorti fhemet ukoll, li għalkemm din kienet propjeta' tagħhom, hi u ħutha qatt ma kienu jersqu lejn dan il-post. Jidher li l-uniku interess tagħhom kien li jiġbru l-kera. Il-Qorti trid ukoll tosserva, li minkejja l-eta' venerabbli tax-xhud, sa fejn setghet tiftakar il-fatti, kienet pjuttost lucida. Ix-xhieda tagħha ittieħdet f'dar tal-anzjani.

**10.** Mill-provenjenza li tinsab fil-kuntratt ta' akkwist tad-dar 356 Rue D'Argens Gżira (ara fol 24), joħroġ li din id-dar kienet ġiet mħollija minn missier il-vendituri Antonio Agius lil ommhom Carmela Agius b'titolu ta' prelegat bis-saħħa tat-testment datat 8 ta' Mejju 1944 (a` fol 161) li ġie magħmul in aggiunta ma' testment preċedenti datat 16 ta' Novembru 1938 (a` fol 157). Antonio Agius miet hekk testat fit-22 ta' Frar 1945 filwaqt li Carmela Agius mietet intestata fid-9 ta' Marzu 1970 u għaldaqstant wirtuha l-vendituri uliedha aħwa Agius bis-saħħa tar-regoli tas-suċċessjoni *ab intestato* kontemplati fl-artikolu 788 et seq tal-Kodiċi Ċivili.

**<u>Artiklu 2140</u>**

**11.** Fid-dawl ta' dawn il-fatti il-Qorti sejra tgħaddi biex tqis l-ewwel il-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2140 li jitkellem dwar il-preskrizzjoni akkwiżittiva deċennali taħt titolu tajjeb biex jittrasferixxi l-proprjetá.

**12.** Kif tajjeb jingħad mill-Qorti Ċivili Prim' Awla fis-sentenza **Ray Camilleri v. Aldo Farrugia et** datata 27 ta' Jannar 2011, "*ir-rekwiżiti għal-preskrizzjoni akkwiżittiva* [deċennali] *huma dawk li l-attur isemmi fin-nota tiegħu, u ċioe`: (a) titolu tajjeb biex jittrasferixxi l-proprjeta', (b) il-pussess tal-ħaġa, (ċ) il-bona fide tal-pussessur u (d) l-pussess għal żmien għaxar snin (**artikolu 2140 tal-Kap. 16)**. Inoltre, sabiex persuna tippreskrivi favur tagħha, il-pussess irid ikun (a) kontinwu, (b) mhux miksur, (ċ) paċifiku, (d) pubbliku u (e) mhux ekwivoku għaż-żmien li tgħid il-liġi (**artikolu 2107 tal-Kap. 16)**.*"

**13.** Il-Qorti Ċivili Prim' Awla fis-sentenza **Victor Pisani vs Grazio Mizzi et** mogħtija fil-21 ta' Frar 2002 insenjat li "*min-natura nnifisha tal-eċċezzjoni, min qanqal il-kwestjoni tefa' fuqu l-piż li jwettaqha billi jressaq dawk il-provi li jissoddisfaw l-elementi kostitutivi li sa minn żmien ilhom aċċettati mid-duttrina bħala l-kejl li bih dik l-eċċezzjoni tiġi meqjusa. <u>Il-ħames elementi ta' titolu tajjeb, eżerċizzju bħala sid, bona fede, pussess u l-mogħdija taż-żmien mitlub mil-liġi iridu jirriżultaw ilkoll flimkien, u n-nuqqas ta' xi wieħed minnhom ixejjen l-effetti ta' dik il-preskrizzjoni</u> (Ara App. Kumm **15.6.1964** fil-kawża fl-ismijiet **Calleja vs Vella** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.603**)*;" (sottolinear ta' din il-Qorti). Dan ifisser li l-ħames elementi ġuridiċi li biex jikkostitwixxu s-suċċess ta' azzjoni abbażi tal-preskrizzjoni akkwisitiva taħt artiklu 2140 huma kumulattivi u li jekk jonqos xi wieħed minnhom allura l-azzjoni tfalli. Għalhekk ikun utili li jiġi eżaminat il-mod kif akkwistaw l-awturi tal-Konvenuti sa fejn jirrigwarda l-arja tal-bejt inkwistjoni.

**14.** Fl-ewwel artikolu tat-testment imsemmi (a` fol 161), missier il-vendituri aħwa Agius "*iħalli bi prelegat lill-martu s-Sinjura Carmela mwielda Bonnici d-dar il-Gżira, Rue d'Argens, numru erbgħin (40) soġġetta għar-rata tagħha ta' ċens perpetwu ta' ħmistax il-xelin fis-sena*". Imkien fit-testment ma hemm imsemmija dik il-parti tal-bejt sovrapposta għall-proprjetá tal-Attriċi, mertu tal-vertenza odjerna. Għaldaqstant, mingħajr tismija cara f'dan it-testment dwar bejt u arja sovraposti ghall-propjeta' ta' terzi, qatt ma jista jinghad li din ġiet akkwistata mill-vendituri aħwa Agius flimkien mal-fond numru 356, Triq D'Argens, il-Gżira, issa proprjetá tal-Konvenuti, bis-saħħa ta' dan it-testment. Anzi, in-nuqqas ta' tismija taghha fit-testment inkwistjoni, apparti l-osservazzjonijiet u Sentenzi li ser jissemmew aktar 'l isfel, hija indikazzjoni oħra ma dawk ta' hawn taħt, li t-testatur ma kienx jaf b'dan il-fatt.

**15.** Kif ser jingħad aktar 'l quddiem, ix-xhieda tal-inkwilini preċedenti kienet l-aktar dwar l-esistenza ta' ħajt li tant issemma' matul il-Kawża. Iż-żewġ xhieda okulari li tressqu dwar l-esistenza ta' dan il-ħajt, dik ta' Emmanuel Caruana li għex fil-post tal-Konvenuti bejn 1959 u 1990 (ara a` fol 194) u dik ta' Carmelo Ritchie, li kien għix f'post li kellu bejt jmiss mal-bjut tal-partijiet bejn l-1945 u 1947 (a` fol 21). Xehdu ukoll il-konvenut u ħuh Joseph Pace li kienu joqgħodu 166, Fleet Str, Gżira (a` fol 164 ) fejn ukoll għidu li jiftakru l-ħajt inkwistjoni jifred iż-żewġt ibjut u dan sa minn meta marru joqgħodu hemm mill-1951 (ara xhieda a` fol 165).

**16.** Il-Qorti ħasset li kellha ssemmi s-snin fuq imsemmija, biex propju joħroġ il-fatt li x-xhieda kollha jista' jkun li qegħdin jgħidu l-verita' u li versjonijiet differenti jistgħu jkunu rikonċiljabbli kif ser jingħad. Il-Qorti ma għandha ebda diffikulta` biex temmmen dak li qal Carmelo Ritchie u ċioe` li bejn l-1945 u l-1947 dan il-ħajt ma kienx mibni. Il-Qorti tasal biex temmen li l-ħajt in kwistjoni nbena wara li l-imsemmi Carmelo Ritchie ma baqax igħix fil-post li semma'. Ara li kieku s-snin li jissemmu mix-xhieda kienu jikkoinċidu jew jaħbtu ma' xulxin, hemm kien ikun hemm problema ta' kredibilita' tax-xhieda. Iżda kull xhud, kronoloġikament isegwi lill-ieħor. Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma, li dan il-ħajt inbena minn xi hadd wara l-1950. Tajjeb li jingħad li Joseph Pace, ħu l-Attur u anke l-attur, ma jistgħux jaħilfu x'ġara qabel l-1951 u wisq anqas Emmanuel Caruana li kien għix fil-post tal-Konvenuti mill-1959. Ma ingabet ebda prova li kienu s-sidien tal-fond 356 li bnew dan il-hajt.

**17.** Dan iwassal lil din il-Qorti biex tifhem, li mal-mewt ta' missier l-Awturi tal-Konvenuti dan il-ħajt ma kienx hemm. Ma nġabet ebda prova, meta b'ċertezza nbena dan il-ħajt jew li s-sidien wettqu xi atti ta' dominju fuq din il-parti tal-bejt, minkejja li ma tissemmiex fit-testmenti fuq imsemmija. Anzi, kif ingħad aktar 'l fuq, l-imsemmija Edith Moore tagħti x'tifhem, li qatt ma kienu jersqu lejn dan il-fond u kwindi jekk saru xi alterazzjoni fih minn terzi, bħal ma kienu d-diversi inkwilini li kienu għixu fih, huma qua sidien qatt ma setgħu ikunu jafu bihom.

**18.** Dan qiegħed jingħad ukoll għaliex ma hemm xejn fil-kuntratt tal-akkwist tal-21 ta' Ġunju 2007 li juri li mal-fond minnhom mixtri l-Konvenuti kienu qed jakkwistaw ukoll dik il-parti tal-bejt sovrapposta għall-proprjetá tal-Attriċi, mertu tal-vertenza odjerna. Kif tajjeb insenjat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Emmanuele Inguanez v. Carmena mart Francesco Bonnici et** datata 26 ta' Mejju 2006, "*Għalkemm il-liġi ma tirrikjedix li kull sovraposiżjoni u sottoposiżjoni tiġi espressament imsemmija, l-ambjenti li ma jaqgħux taħt il-presunzjoni* [kontemplata fl-artikolu 323 tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi li sid l-art għandu wkoll l-ispazju sovrastanti u dak sottostanti] *fil-prassi jiġu espressament indikati. … Il-leġislatur jirrikjedi li l-proprjeta` li tkun se tiġi trasferita tiġi deskritta kjarament u dan anke fl-interess ta' terzi li jistgħu jakkwistaw il-fond żmien wara. Għaldaqstant fejn tkun se ssir xi eċċezzjoni għar-regola din għandha tiġi kjarament indikata anke jekk titratta sovraposizzjoni li hija minima, u ma jistax jingħad, li l-frażi "bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu" tirratifika tali nuqqas.*" (sottolinear ta' din il-Qorti).

**19.** Il-frażi "*overlying and underlying in part third party property*" imniżżla fil-kuntratt tal-akkwist tal-Konvenuti (a` fol 22) ma hi ċara xejn kif anke l-Konvenuti stess jirrikonoxxu fil-paragrafu 31 tan-nota tagħhom a` fol 279. Applikat dak insenjat fis-sentenza fuq ċitata, wieħed mill-ewwel jirrealizza li dak li għandha quddiemha din il-Qorti ma tikkostitwix deroga ċara tal-preżunzjoni *iuris tantum* li tgawdi minnha l-Attriċi stabbilita fl-artikolu 323

tal-Kap. 16. Anzi hija frażi li sservi biex, minflok tiċċara, tħawwad u toħloq dubju fuq il-konfigurazzjoni tal-fond hekk akkwistat mill-Konvenuti.

**20.** Il-Qorti tirreferi ukoll għal dik il-parti tal-kuntratt ta' akkwist tal-Konvenuti, fejn għall-ewwel darba tissemma' l-arja: *"Saving the above, this house is being sold together with it's roof and airspace overlaying the said roof, otherwise free and unencumbered and with all it's rights and appurtenences".* Bil-kelma "roof" nifhmu saqaf. Din il-frażi ma tħalli ebda dubbju, li l-partijiet għal dak il-kuntratt kienu qed jagħmlu referenza għall-arja tas-saqaf tal-fond 356, Triq D'Argens Imsida. Kieku riedu jinkludu l-arja li tiġi fuq is-saqaf tal-fond tal-Attriċi, flok jużaw il-frażi ġenerika u xejn ċara li saret referenza għaliha aktar 'l fuq, dan kien il-mument fejn kellhom jispeċifikawha. Il-partijiet għal dak il-kuntratt bħal donnhom riedu jekwivokaw dwar l-arja inkwistjoni. Minn naha l-ohra mid-diversi kuntratti li ġew esebiti rigward il-fond 345, Triq D'Argens, Gżira u ċioe' il-fond tal-Attriċi, fejn l-arja sovrastanti dejjem ġiet tarsferita mingħajr restrizzjonijiet jew referenza għal drittijiet ta' terzi fuqha (ara dokumenti esebiti minn a` fol 169 sa a` fol 185). Fl-ahharnett trid ukoll issir referenza ghall-provenjenza fil-kuntratt tal-akkwist tal-Konvenuti. Fil-waqt li hemm referenza tat-testment għall-imsemmi Antonio Agius sa fejn jirrigwarda din id-dar ma hemm ebda spjegazzjoni jew referenza ghal dik il-parti li ftit qabel fil-kuntratt giet deskritta "bhala overlying third party property". La fl-istess kuntratt hemm din id-distinzjoni kif fuq spjegat kellu allura jkun hemm ukoll provenjenza ċara dwar l-arja in kwistjoni.

**21.** Dan ifisser, li t-titolu tal-vendituri aħwa Agius fuq il-parti tal-bejt li tiġi sovraposta għal dik tal-Attriċi inkwistjoni, anke ghal dak li ser jinghad aktar 'l isfel, ma jissodisfax l-ewwel rekwiżit għall-preskrizzjoni akkwiżittiva taħt artikolu 2140 tal-Kodici Civili u għaldaqstant il-Konvenuti ma jistgħux jinqdew bih sabiex jinvokaw favur tagħhom din il-preskrizzjoni fuq il-parti tal-bejt in kwistjoni billi jgħaqdu l-pussess tas-sidien ta' qabilhom ma tagħhom fis-sens tal-artiklu 530(2) tal-Kodiċi Ċivili għaliex "*Biex tinkiseb il-proprjetá b'dan il-mod huwa meħtieġ mhux biss il-pussess għal għaxar snin u l-buona fede, iżda wkoll "titolu tajjeb biex jittrasferixxi l-proprjetà".* (Ara **Maria Dolores sive Doris Scerri v. Francis Bonnici** et, Qorti tal-Appell, 18 ta' Lulju 2017)

**22 .** Konsegwentement jonqos ukoll ir-rekwiżit tal-pussess għal żmien għaxar snin ai termini tal-artikolu 2140 tal-Kap 16. Dan qiegħed jingħad għaliex il-pussess tal-konvenuti ġie disturbat bil-kawża odjerna li nfetħet fil-25 ta' Mejju 2017 u r-risposta ġuramentata tagħhom giet presentata fl-1 ta' Diċembru 2017 (a` fol 129). Dan ifisser li l-perjodu preskrittiv deċennali kien għadu għaddej u kien jagħlaq mad-data tal-akkwist tal-konvenuti u ċioe` mill-21 ta' Ġunju 2007. Dawn il-Qrati dejjem għallmu, li l-preżentazzjoni biss ta' kawża kontra debitur, hu biżżejjed għall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, indipendentement minn notifika tagħha (ara **Sentenza fl-ismijiet Bonello vs Bonello deċiża minn din il-Qorti fit-22 t'April, 1983, oħra fl-ismijiet Formosa vs Desira deċiża minn din il-Qorti fl-24 ta' Jannar, 1990 u Sentenza tal-PA Ċiv per Imħallef Tonio Mallia tat-3 ta'**

**Ottubru 2002 fl-ismijiet Avukat Reno Borg nomine -vs- Joseph Borg et**.)

**23.** Minn dan kollu din il-Qorti tikkonkludi li kemm it-titolu tal-awturi tal-Konvenuti u anke tal-Konvenuti stess, huwa nieqes mill-ewwel rekwiżit sabiex il-preskrizzjoni akkwiżittiva deċennali tiġi nvokata b'suċċess. It-titolu tal-Konvenuti huwa wkoll nieqes mir-rekwiżit tal-pussess għal żmien għaxar snin kif ġia ingħad. Applikat l-insenjament tas-sentenzi tagħna, in-nuqqas ta' wieħed biss mill-elementi hekk meħtieġa biex tirnexxi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2140 ixxejjen l-effetti ta' dik il-preskrizzjoni u għalhekk hija biżżejjed biex twaqqa' is-siwi tal-istess eċċezzjoni. Għaldaqstant din il-Qorti m'għandhiex għalfejn tqis jekk jikkonkorrux l-elementi l-oħra u sejra tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni invokata mill-Konvenuti taħt l-Artikolu 2140 tal-Kodiċi Ċivili bħala mhux mistħoqqa.

<u>**Artikolu 2143**</u>

**24.** Jmiss issa li tkun ikkunsidrata l-eċċezzjoni l-oħra sollevata taħt artiklu 2143 tal-Kap 16. Il-kunsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin ma' dan l-artikolu ġew spjegati fid-dettal mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Emmanuele Inguanez v. Carmena mart Francesco Bonnici et** ċitata supra kif ġej:

*"Din il-preskrizzjoni ġiet introdotta minn Teodosio II fis-sena 424, merament bħala estintiva għall-azzjonijiet kollha, anki ċivili, li kienu qabel*

*impreskrittibli, u wara saret akkwiżittiva permezz ta' Gustiniano, bil-Kostituzzjoni VIII "de praesċip. Trig. Vel. Quadrag. Annorum", u kienet imsejħa 'longissimi temporis.' Fid-dritt Patriju ma tirrikjedi la titolu u lanqas 'buona fede', la bħala estintiva u lanqas bħala akkwiżittiva, imma tirrikjedi biss il-pussess leġittimu ta' tletin sena. Dan il-pussess, biex ikun leġittimu, irid ikun kif imfisser fl-Artikolu 516(1) tal-Kodiċi Ċivili, jiġifieri tgawdija ta' jedd li wieħed iżomm jew jeżerċita bħala tiegħu innifsu, jiġifieri esklussiv u assolut." (Grazia Mamo v. Carmelo Vella – Prim Awla deċiża fl-1 ta' Frar 1951)*

*Kif ġie tajjeb spjegat imbagħad fis-sentenza fl-ismijiet J. Aquilina noe v. Sunny Homes Ltd et (Prim Awla deċiża 5 ta' Ottubru 2004) illi għalkemm l-Artikolu 2143 jikkontempla li l-preskrizzjoni tista' titqies kemm akkwiżittiva kif ukoll estintiva "tajjeb li jiġi rammentat li skond l-insenjament tal-Laurent (Prinċipii di Diritto Civile, Vol XXXII) 'l-azzjoni tal-proprjetarju biex jieħu dak li huwa tiegħu ma tistax tiġi opposta b'sempliċi preskrizzjoni estintiva, imma b'dik akkwiżittiva konvolġenti l-pussess ta' l-eċċipjent.' (Ara wkoll C. Davison v. M. Debono et Vol XXIX.ii.736). Ir-rilevanza ta' dan toħroġ mill-fatt li nonostante li r-regola kontemplata fl-artikolu preċitat tapplika fil-ġeneralita` tagħha kemm għall-preskrizzjoni estintiva kif ukoll għal dik akkwiżittiva, hemm distinzjoni elementari bejn dawn iż-żewġ preskrizzjonijiet; għax filwaqt li fil-preskrizzjoni estintiva (ta' l-azzjoni) l-eċċipjent huwa tenut jipprova biss il-perkors taż-żmien statutorju applikabbli u imbagħad ikun jispetta lill-attur kreditur li jiddefendi lilu nnifsu*

*billi jagħżel it-triq u l-mezz li tagħtih il-liġi biex jinnewtralizza tali eċċezzjoni; fil-każ tal-preskrizzjoni akkwiżittiva (tal-proprjeta`), din tirrikjedi l-prova mhux biss tal-perkors taż-żmien stabbilit mil-liġi, imma wkoll ta' l-elementi kollha li l-liġi teżiġi li jiġu pprovati biex din l-eċċezzjoni tirnexxi (Josianne Sċiberras v. Giovanni Vella – Appell Ċivili deċiż 21 ta' Frar 1996 u Jeremy Holland noe v. Jos. Chetcuti, deċiża 25 ta' Frar 2000, kwotati fis-sentenza Salvino Testaferrata Moroni Viani et v. Franċis Montanaro Prim Awla deċiża 27 ta' Ġunju 2003.)"*

**25.** Bħala provi in sostenn għal din l-eċċezzjoni, l-Konvenuti ressqu affidavit tal-Konvenut Joseph Pace stess (a` fol 155), ix-xhieda ta' ħuh John Pace (a` fol 164) u affidavit ta' Emanuel Caruana, bin il-ħajjat li kien jikri l-fond 356 , Triq D'Argens, Gżira mingħand Edith Moore li hija l-awtriċi tal-Konvenuti. Dawn ilkoll sostnew li l-ħajt li jiddividi l-bejt ta' 356, Triq D'Argens Gżira, sovrappost għall-fond numru 354, Triq D'Argens Gżira, proprjetá tal-Attriċi, ilu mibni snin twal tant li minn dejjem jiftakruh hemmhekk.

**26.** B'din l-evidenza prodotta minnhom il-Konvenuti ma kkonvolġewx il-pussess tagħhom jew tal-awturi tagħhom bil-mod kif trid il-liġi permezz tal-artikolu 2107 tal-Kodiċi Ċivili, iżda mmiraw li jopponu l-pretensjoni tal-attriċi b'sempliċi preskrizzjoni estintiva u dan kif ser jiġi spjegat aktar 'l isfel. Il-Qorti tifhem għalhekk li l-eċċezzjoni sollevata minnhom abbażi tal-artikolu

2143 hija waħda ta' preskrizzjoni estintiva u mhux ta' preskrizzjoni akkwiżittiva.

**27.** Iżda kif diġa' aċċennat fis-sentenza appena ċitata, il-jedd li l-attriċi trid teżerċita bħala sid fuq il-parti tal-bejt in kwistjoni ma tistax tiġi opposta b'sempliċi preskrizzjoni estintiva, fondata fuq l-inazzjoni biss, imma b'dik akkwiżittiva, konvolġenti l-pussess tal-Konvenuti eċċipjenti:

"*huwa paċifiku illi l-proprjeta` ma tintilifx bin-nuqqas ta' użu da parte tas-sid. Tintilef, inveċe, jekk ħaddieħor jieħu pussess tagħha u jeżerċita fuqha jedd ta' poter għaż-żmien kollu mil-liġi stabbilit u skond il-kundizzjonijiet l-oħra preskritti mill-Artikolu 2107 tal-Kodiċi Ċivili. Jispetta għalhekk lil dan ħaddieħor l-oneru li jipprova r-rekwiżiti kollha tax-xorta ta' akkwist vantat minnu*" (**Salvino Testaferrata Moroni Viani et vs Francis Montanaro**, Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 27 ta' Ġunju 2003).

**28.** Sabiex l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tat-tletin sena taħt l-artikolu 2143 invokata mill-Konvenuti twassal għall-effetti ta' użukapjoni, kien jeħtieġilhom li juru li huma jew l-awturi tagħhom kellhom "*l-pussess għal żmien tletin sena u li dan il-pussess kien bħala sid il-ħaġa (uti dominus). Minbarra dan, huwa meħtieġ ukoll li l-imsemmi artikolu jinqara flimkien mal-artikolu 2107(1) tal-istess Kodiċi, li jfisser x'għamla ta' pussess huwa meħtieġ. F'dan il-każ, il-liġi trid li l-pussess ikun kontinwu, bla xkiel minn ħaddieħor ("paċifiku"), fid-dieher u mhux ekwivoku ("esklussiv"), b'mod li*

*min tkun għaddejja l-preskrizzjoni kontrih seta' jkun jaf – ukoll jekk fil-fatt ma kienx jaf – li l-pussessur qiegħed iżomm b'dak it-titolu (App.civ.* ***2.3.1962*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Spiteri vs Saliba*** *(Kollez. Vol:* ***XLVI.i.149****)). Fuq kollox, fejn il-kisba ta' titolu bil-preskrizzjoni t-twila titqajjem minn xi parti f'kawża, ikun meħtieġ ukoll li dik il-parti turi b'seħħ minn meta tkun bdiet il-pussess kwalifikattiv tagħha fuq dik il-ħaġa (P.A. PS* ***27.6.2003*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Salvino Testaferrata Moroni Viani et vs Franċis Montanaro*** *(mhix appellata)). F'każ bħal dan, madankollu u sakemm il-pussess ikollu l-kwalitajiet li ssemmew aktar qabel, il-pussess li jkun ħaddan u żamm xi antenat immedjat tal-attwali pussessur jgħodd ukoll għall-finijiet tal-għadd taż-żmien meħtieġ biex inissel it-titolu b'użukapjoni;*" (**Antonia Barbara pro et noe vs Grace Darmanin pro et noe**, Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 15 ta' Frar 2012).

**29.** Kif diġa` rilevat aktar 'l fuq, li ż-żewġ xhieda okulari, estraniji għall-familja Pace , li tressqu dwar l-esistenza ta' dan il-ħajt, huma Emmanuel Caruana li għex fil-post tal-Konvenuti bejn 1959 u 1990 (ara a` fol 194) u dik ta' Carmelo Ritchie, li kien għix f'post li kellu bejt jmiss mal-bjut tal-partijiet bejn l-1945 u 1947 (a` fol 215). Xehedu ukoll il-konvenut u ħuh Joseph Pace li kienu joqgħodu 166, Fleet Str, Gżira (a` fol 164) fejn ukoll għidu li jiftakru l-ħajt li fil-preżent jifred iż-żewġt ibjut. A skanz ta' repetizzjoni l-Qorti tagħmel referenza għall-konklużjonijiet li waslet

għalihom meta kienet qegħdha tikkonsidra l-preskrizzjoni taħt artiklu 2140 tal-Kodiċi Ċivili.

**30.** Il-provi tal-konvenuti kienu kważi kollha dwar il-ħajt li jiddividi l-bejt, fis-sens li għalihom dan huwa indikattiv tal-estinzjoni tad-dritt tal-awturi tal-Attriċi għal din il-parti tal-bejt. Iżda dan l-element waħdu ma hux biżżejjed. Kellu ukoll jiġi ipprovat, li l-awturi tagħhom, iġifieri Edith Moore u ħutha, kienu fil-fatt u fil-liġi, eżerċitaw dak ix-xorta ta' pussess li jiswa għad-dekorrenza ta' żminijiet taħt artiklu 2143 tal-Kodiċi Ċivili għall-akkwist ta' propjeta' bl-użukapju.

**31.** Għall-iskop ta' din il-preskrizzjoni, għalkemm ma hiex meħtieġa l-buonfede, xorta jrid ikun ipprovat, li min huwa intitolat jibbenifika bis-saħħa ta' din il-preskrizzjoni irid jipprova li pposjeda animo domini fis-sens kif irid l-artiklu 524 (1) tal-Kodiċi Ċivili. F'dan ir-rigward ma kienx biżżejjed għal dawk li okkupaw il-fond 356, Triq D'Argens, Gżira bħala kerrejja, jew xhieda oħra li ma kienux is-sidien, biex għidu biss li jiftakru dan il-ħajt. Ma hux biżżejjed li tgħid li kienu qegħdin jiddetjenu għan-nom tas-sidien u li għalhekk dawn tal-aħħar kienu qegħdin jippreskrivu kif trid il-liġi, jekk is-sidien ma kienux jafu b'dan kollu.

**32.** Riedet issir il-prova li s-sidien, kienu jafu bl-okkupazzjoni ta' din il-parti tal-bejt u li wettqu atti *animo domino* fuq l-istess. Fi kliem is-Sentenzi fuq dan il-punt, ried ikun hemm il-konvolġiment tal-pusses tas-sid propju. Min jeċċepixxi il-preskrizzjoni taħt artiklu 2143 bhala mezz ta' akkwist ta'

propjeta', jkun fir-rejalta' qiegħed jirrikonoxxi li dik il-propjeta' partikulari ma tkunx baqgħet fil-pussess tas-sid leġġittimu u ġiet akkwistata bil-pussess ta' persuna oħra li tista' tippreskrivi skont il-ligi b'mod paċifiku, pubbliku u univoku u għal żmien aktar minn tletin sena anke jekk mhux in buona fede.

**33.** F'dan ir-rigward, l-uniku sid li għadha ħajja hija Edith Moore. Din qalet li taf li fond tal-Konvenuti dejjem kien mikri (a` fol 187), li qatt ma daħlet fih ħlief meta ġiet biex tbiegħu lill-Konvenuti (a` fol 187 u a` fol 188), u li wirtitu mikri (a` fol 188 ). Tenut kont tal-fatt li din l-eċċezzjoni timplika akkwist bil-pussess ta' ħaġa li hi ta' ħaddieħor, il-Qorti fehmet li s-sidien ma kienux jafu b'din il-parti tal-bejt partikulari u li bhal donnu l-interess tagħhom kien biss li jigbru l-kera. Dan ifisser, li s-sidien qatt ma setgħu jippreskrivu ai termini tal-artiklu 2143 għax ma ingabet ebda prova, imqar konvincenti jekk mhux diretta, li huma kienu konsapevoli li l-kerrejja tagħhom qegħdin jokkupaw parti minn bejt li jiġi fuq l-arja ta' ħadd ieħor. Di piu, a skans ta' repetizzjoni ssir referenza ghal dak li ntqal fil-kuntratt t'akkwist tal-konvenuti dwar id-diskrizzjoni ta' dak li kienu qed jakkwistaw u provenjenza safejn jirrigwarda din l-arja. Il-Qorti tfakkar illi din il-provenjenza dwar din l-arja ma tgħid xejn.

**34.** Għalhekk il-Konvenuti l-anqas ma rnexxilhom jipprovaw li akkwistaw xi dritt ta' propjeta' fuq din il-parti tal-bejt bis-saħħa tal-artiklu 2143 tal-Kodiċi Ċivili.

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni tal-Konvenuti dwar il-preskrizzjoni.

**L-ispejjeż** ta' din id-deċiżjoni parzjali riservati għal mal-ġudizzju finali.

**Tordna** għalhekk il-prosegwiment tal-kawża.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**